**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta Nru 150 tad-19 ta' Mejju 2014.**

Is-Sedja tagħmel referenza għat-talba għal *ruling* miċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi l-Onor Tonio Fenech, waqt il-laqgħa ta' dan l-istess Kumitat ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2014.

Ir-*ruling* intalab wara li l-istess Chairperson qara ittra indirizzata lilu mill-Onor Jason Azzopardi datata 3 ta' April 2014.

> "Onor. Tonio Fenech,
> Chairman Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
> Il-Palazz, Il-Belt Valletta.
>
> Talba għal investigazzjoni mill-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi.
>
> Onorevoli Fenech,
>
> L-Avviż Legali 47 tal-2014 jipprovdi u jimplimenta l-*Individual Investment Programme* u fi klawsola 3(2) tiegħu jistipula li t-tħaddim ta' tali program fuq din l-iskema ta' bejgħ ta' ċittadinanza Maltija, ikun f'idejn konċessjonarju u, ċjoè f'idejn kumpanija privata Henley & Partners.
>
> Minn żewġ mistoqsijiet parlamentari (7535 u 7879) li għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni lill-Onor. Ministru għall-Intern, il-Gvern iddikjara li ma jridx jagħti informazzjoni fuq il-kuntratt li l-Gvern iffirma ma' Henley & Partners għax il-kuntratt fih informazzjoni ta' natura kunfidenzjali b'kontenut kummerċjalment sensittiv. *Di più*, rappreżentant tad-ditta Henley & Partners fuq l-istazzjon nazzjonali ddikjara li l-kuntratt ma jistax ikun ippubblikat għax dan jinċidi fuq is-sigurtà nazzjonali tagħna.
>
> L-Oppożizzjoni ma tistax taċċetta li ditta privata barranija jkollha informazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali Maltija iżda l-Parlament Malti, l-ogħla istituzzjoni f'Malta ma jkollux din l-informazzjoni.
>
> Għaldaqstant, f'isem l-Oppożizzjoni, qed inressaq talba uffiċjali biex dan il-kuntratt mid-ditta Henley & Parnters jitressaq għall-iskrutinju dettaljat tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi.
>
> Saħħa u sliem,
> Iffirmat: Jason Azzopardi MP."

Is-Sedja se tagħmel mill-ewwel referenza għal dak li qal iċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor Tonio Fenech, hekk kif qara l-ittra:

"Din it-talba li qed issir lill-Kumitat, hija materja li ovvjament għandha implikazzjonijiet finanzjarji u allura hija materja li fl-opinjoni tiegħi għandha tkun ikkunsidrata minn dan il-Kumitat u naħseb li l-Kumitat għandu jitlob formalment lill-Gvern sabiex jippreżenta dan il-kuntratt lil dan il-Kumitat biex ikun jista' jiġi skrutinizzat minnu."

Qabel ma tgħaddi għall-punti saljenti ta' dak li ntqal waqt il-laqgħa ta' dan il-Kumitat, is-Sedja se tagħmel referenza għall-Mistoqsijiet Parlamentari indikati fl-ittra tal-Onorevoli Jason Azzopardi.

L-ewwel mistoqsija kienet dik bin-numu 7535 li kienet saret mill-Onorevoli Simon Busuttil lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali fit-3 ta' Frar 2014 u li kienet tgħid hekk:

"Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratti, id-dokumenti, skritturi, memoranda, ftehim u simili li l-Gvern Malti ffirma wara Marzu 2013 mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u ma' kwalsiasi sussidjarja jew aġenti tagħha fuq kwalsiasi materja, inkluż il-kuntratt u dokumenti relatati mal-hekk imsejjaħ Individual Investor Programme?"

Fit-tweġiba li l-Ministru Emanuel Mallia kien ta fis-Seduta 118 tal-11 ta' Frar 2014 kien qal hekk:

"Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għall-istqarrija tal-Gvern numru PR2413 maħruġa mill-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li fiha ġie ppubblikat parti mill-kuntratt ta' Henley & Partners dwar il-*commissions*. Il-kumplament tal-kuntratt huwa ta' natura kunfidenzjali."

Il-Mistoqsija Parlamentari l-oħra, kif ċitata fl-ittra tal-Onorevoli Jason Azzopardi, hija dik bin-numru 7879, li saret mill-Onorevoli Simon Busuttil lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali fit-13 ta' Frar 2014 u li kienet tgħid hekk:

"B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 7535, jista' l-Ministru jgħid għal-liema raġuni qiegħed iqis il-kuntratt ta' Henley & Partners bħala wieħed ta' natura kunfidenzjali?"

Fit-tweġiba li l-Ministru Emanuel Mallia kien ta fis-Seduta 120 tas-17 ta' Frar 2014 kien qal hekk:

"Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li m'għandi xejn xi nżid mat-tweġiba li ngħatat qabel."

Hawnhekk issa se nirreferi għal dak li ntqal wara li ċ-Chairperson tal-Kumitat invita lill-Membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex dan l-istess Kumitat formalment jitlob lill-Gvern biex jippreżenta dan il-kuntratt.

Nibda billi nikkwota mir-reazzjoni immedjata tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor Owen Bonnici li qal hekk:

> "hemm kawża li qiegħda quddiem l-Imħallef J. R. Micallef li qiegħda tattakka d-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lill-Henley & Partners għax fit-tellieqa kompetittiva li kien hemm, kien hemm *bidders* oħrajn, senjatament Arton Capital, li kif għandhom kull dritt jagħmlu, għamlu kawża taħt il-*judicial review*, jiġifieri taħt artiklu 496A tal-Kodiċi Ċivili, fejn saret talba biex dan il-kuntratt jiġi esebit. Fil-fatt, il-Gvern esebixxa dan il-kuntratt fil-proċess tal-qorti, però hemm digriet tal-qorti li jgħid li dan kellu jibqa' fis-sigrieta tal-Imħallef, jiġifieri jiġi esebit bħalma ġieli jiġri f'każijiet fejn jinvolvu kuntratt ta' natura sensittiva u l-kuntratt jiġi esebit, ma jkunx fil-proċess imma jinżamm fis-sigrieta tal-imħallef. *This is standard practice in contracts involving sensitive information* ta' natura kummerċjali u allura naħseb li trid issir riflessjoni dwar dan il-punt. ... U allura anke *in linea* preliminari qed ngħid li din it-talba m'għandhiex tiġi milqugħa."

L-Onorevoli Jason Azzopardi irrisponda hekk:

> "m'għandix għalfejn indum bir-risposta għax naħseb li l-prinċipju huwa ċar ħafna. Il-Parlament huwa sovran, huwa suprem, huwa l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u m'hemm ebda raġuni legali li toħroġ minn ebda liġi, u minn ebda Kostituzzjoni tal-pajjiż li l-Parlament, f'dan il-każ dan il-Kumitat, m'għandux jagħmel xogħlu minħabba li hemm kuntratt li ġie esebit u jinsab fis-sigrieta ta' ġudikant minħabba kawża pendenti fil-qorti. Allaħares dan ikun aċċettat għax ikun preċedent perikoluż immens għax ikun mod li jista' jagħti lok għal affarijiet oħra li ma jagħmlux ġieħ lid-demokrazija parlamentari."

Fir-replika tiegħu, l-Onorevoli Owen Bonnici qal hekk:

> "Li qed ngħid jien huwa li hemm ċirkostanza speċjali, ċjoè li l-qorti ħasset li għandha tilqa' t-talba tal-Gvern li tenut kont li dan huwa kuntratt kummerċjalment sensittiv ... ikun aħjar jekk jittieħdu provvedimenti speċjali, ċjoè li dan ma jkunx disponibbli fil-proċess tal-qorti. Ladarba l-qorti ħasset li m'għandhiex taċċetta l-pubbliċità ta' dan il-kuntratt, u dan huwa digriet vinkolanti, almenu żgur fuq il-Gvern għax il-Gvern huwa parti fil-kawża, allura bħala Membru min-naħa tal-Gvern qed nagħmel din is-sottomissjoni li anke jekk wieħed kellu jiskarta l-kwestjoni tal-mertu, jiġifieri li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq xi ħaġa kummerċjalment sensittiva – ninsew għal mument dak il-punt li nistgħu niddibattuh iktar 'il quddiem – anke *in linea*

> preliminari, ladarba hemm dan id-digriet fil-proċess fil-qorti, il-Gvern li huwa parti f'dik il-kawża, irid ibaxxi rasu għal dak id-digriet."

Ir-reazzjoni tal-Onorevoli Jason Azzopardi għal dak li kien għadu kif qal l-Onorevoli Owen Bonnici kienet hekk:

> "Il-Parlament jirregola l-proċeduri tiegħu tant li anke hemm *Standing Order* li jgħid li l-Kamra tirregola l-proċeduri tagħha stess proprju għax il-Kamra hija sovrana u suprema."

> "It-tieni punt huwa li huwa umiljanti li nkunu waqt programm televiżiv fuq stazzjon nazzjonali u l-uffiċjal ta' din il-kumpanija privata barranija li minn dan il-kuntratt se tkun qed iddaħħal somom kbar ta' flus – issemmiet u ma kenitx miċħuda somma li taqbeż il-€230 miljun – jgħid li l-kuntratt m'għandux ikun ippubblikat minħabba li għandu implikazzjonijiet fuq is-sigurtà nazzjonali. Mela kumpanija privata barranija li minn dan il-kuntratt se ddaħħal il-belli liri, taf x'fih il-kuntratt, u l-Parlament Malti, l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż m'għandux dritt ikun jaf x'fih dan il-kuntratt!"

Hawnhekk iċ-Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ipprova jiggwida lill-Membri tal-Kumitat billi qal hekk:

> "Jekk dan il-Kumitat jibda jieħu l-linja tat-triq li għax kuntratt fih elementi kummerċjali ma jitressaqx quddiemu, allura nistgħu nxoljuh għax il-kuntratti kollha ta' xiri tal-Gvern kollha għandhom informazzjoni ta' natura kummerċjali."

> "Hawnhekk qegħdin nitkellmu dwar istituzzjoni parlamentari li r-rwol tagħha ta' PAC, huwa li tagħmel skrutinju pubbliku ta' dak li hu l-operat tal-Gvern; konċessjonijiet li jagħti, kuntratti, tenders u dak kollu li jista' jiġi għall-attenzjoni ta' dan il-Kumitat."

Hawnhekk, bil-permess tal-Kumitat, intervjena l-Whip tan-naħa tal-Gvern, l-Onorevoli Carmelo Abela li qal hekk:

> "jien naħseb li filwaqt li l-Kumitat għandu jieħu nota ta' din l-ittra, però jiddiskuti l-*issue* – u l-Gvern assolutament mhux se jsib oġġezzjoni li jiddiskutiha – *in due time*, wara li *items* li ilhom jistennew biex jitpoġġew fuq l-aġenda, jiġu eżawriti."

Hawnhekk, iċ-Chairperson strada lill-Kumitat billi qal hekk:

> "l-ewwel deċiżjoni li trid tittieħed hija jekk dan il-Kumitat huwiex se jingħata dan il-kuntratt."

Kien hawn fejn l-Onorevoli Claudio Grech għamel l-intervent tiegħu meta qal hekk:

> "Jien ħadt nota ta' dak li qal l-Onor. Abela u naħseb li l-ispirtu huwa tajjeb jekk hemm il-qbil li dan niddiskutuh – fil-fatt it-talba hija li "niflu" mhux niddiskutu. Imma biex wieħed jifli bilfors irid ikollu aċċess għad-dokumentazzjoni."

Iktar tard waqt id-diskussjoni, iċ-Chairperson tal-Kumitat qal hekk:

> "Però jibqa' prinċipju bażiku li biex ikun jista' jagħmel dan, il-Kumitat għandu bżonn il-kuntratt, u jekk qed nifhem sewwa lin-naħa tal-Gvern, qed tgħid li biex il-kuntratt ikun jista' jitressaq irid jispiċċa l-proċess kollu ġuridiku. Jien naħseb li hemmhekk qed nidħlu f'interpretazzjoni dwar jekk il-Kumitat huwiex jew le taħt il-qorti."

Kien hawn li l-Onorevoli Owen Bonnici ta din l-ispjega:

> "Din hija kawża ta' *judicial review*. Li qed ngħid jien huwa li l-Gvern huwa parti mill-kawża, hemm digriet li jorbot lill-Gvern, u allura l-Gvern irid jobdi dak id-digriet."

Ikompli jispjega l-Onorevoli Owen Bonnici:

> "Jien qed ngħid li hemm dan il-punt li fil-fehma tiegħi jimmerita riflessjoni u dibattitu importanti, nieħdu l-pariri legali u d-direzzjonijiet li hemm bżonn u nimxu *according to* dak li għandna jew m'għandniex fil-poter li nagħmlu."

Kien hawn li kien hemm reazzjoni immedjata mill-Onorevoli Jason Azzopardi meta qal hekk:

> "L-argumenti tal-Gvern ifissru li meta tiġi l-ġurnata biex jiġi diskuss dan il-kuntratt f'dan il-Kumitat se tqum l-oġġezzjoni li hemm kawża pendenti u rridu nistennew l-eżitu tal-kawża.

Id-dibattitu dwar dawn il-punti baqgħu sejrin u s-Sedja se tagħmel referenza għall-punti saljenti, partikolarment dak li qal iċ-Chairperson tal-Kumitat dwar kif għandha tiġi intavolata t-talba għal *ruling* u nikkwota:

> "Is-suġġeriment tiegħi huwa li qabel ma nibagħtu għal din it-talba, la qamet din l-eċċezzjoni, għandna nitolbu *ruling* tal-iSpeaker fuq jekk minħabba l-fatt li hemm digriet tal-qorti li qed jgħid li dan id-dokument se jinżamm fis-sigrieta tal-imħallef, għandux iżomm lill-Kumitat jew inaqqasx mid-dritt ta' dan il-Kumitat li xorta jitlob li l-kuntratt jiġi ppreżentat lil dan il-Kumitat."

Iktar tard iċ-Chairperson kompla jispjega:

> "Għalhekk naħseb li fil-każ ta' din l-*issue*, biex inkunu nistgħu nistradaw l-aġenda tagħna, irid ikun hemm it-talba formali għal dan id-dokument. L-intenzjoni tiegħi hi li għandna mmorru għand l-iSpeaker u nitolbuh *ruling* fuq jekk il-Kumitat għandux

> id-dritt li jitlob għall-kuntratt u jekk dak id-dritt huwiex imxekkel mill-fatt li hemm kawża fil-qorti li l-Gvern huwa parti minnha li nħareġ digriet li ma jiġix ippreżentat il-kuntratt b'mod pubbliku mill-qorti. Jekk aħna korretti nista' ngħaddi biex nibgħat din għar-*ruling*."

Wara din l-ispjega kien hemm intervent mill-Onorevoli Carmelo Abela dwar jekk qabel ma l-Kumitat jiddiskuti din il-materja kellhiex l-ewwel tiġi eżawrita l-aġenda li għandu quddiemu dan il-Kumitat. Għal dawn ir-rimarki ċ-Chairperson tal-Kumitat irrisponda hekk:

> "Naħseb nistgħu inkomplu bl-aġenda. Mela nitolbu għal *ruling* biex b'hekk tkun iċċarata l-pożizzjoni tal-Kumitat dwar tali kuntratt. Hekk jew b'hekk ir-*ruling* ma jiswiex biss għal dan il-kuntratt imma għal kull talba għal kuntratt li jista' jkun hemm fil-futur."

Iktar tard l-Iskrivan tal-Kumitat is-Sinjura Anna Brincat qalet hekk:

> "Ir-*ruling* li se jintalab mingħand l-iSpeaker huwa dwar jekk il-Kumitat għandux id-dritt li jitlob għall-kuntratt ta' Henley & Partners minkejja li hemm digriet tal-Qorti li jgħid li għandu jibqa' fis-sigrieta tal-Imħallef."

Dan huwa s-suċċint ta' dak li qed jintalab f'dan ir-*ruling*.

Wara li nqara kif għandu jintalab dan ir-*ruling* il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Onorevoli Owen Bonnici qal hekk:

> "Il-punt huwa li l-Gvern għandu kawża – li fiha huwa l-konvenut – minn Arton Capital kontra l-Ministru tal-Intern u l-Avukat Ġenerali in rappreżentanza tal-Gvern. Fil-mori ta' din il-kawża saret talba biex jiġi esebit il-kuntratt ta' Henley & Partners. Il-Gvern talab li dan jiġi esebit però ma jiġix ippubblikat billi l-kuntratt jinżamm fis-sigrieta tal-Imħallef. L-Imħallef laqa' t-talba u fil-fatt ħareġ digriet. Il-Gvern huwa parti minn din il-kawża u allura l-Gvern huwa marbut bl-effett legali ta' dan id-digriet."

Hawnhekk l-Onorevoli Charles Mangion qal hekk:

> "Mr Chairman, nixtieq li qabel it-*transcript* ikun mgħoddi lill-iSpeaker, jiġi referut lill-Onor. Bonnici ħalli nkunu preċiżi fuq dak li qed jingħad."

Wara li ċ-Chairman qal li m'għandux problema dwar dan huwa qal hekk:

> "Nitlob lill-Onor. Azzopardi jagħmel il-pożizzjoni tal-Oppożizzjoni dwar dan il-punt biex b'hekk l-iSpeaker ikollu ż-żewġ naħat tal-verżjoni."

B'reazzjoni għal dan l-Onorevoli Jason Azzopardi qal hekk:

> "Jien m'iniex se nirrepeti imma se nagħmel riferenza għal dak li għedt ftit tal-minuti ilu fejn m'għandi ebda dubju li s-Sedja se tara l-kliem li jkun traskritt. *In poche parole* l-argument tal-Oppożizzjoni huwa li l-Parlament huwa sovran u l-fatt li hemm digriet f'kawża ċivili fejn allura joħloq stat ta' fatt biss bejn dawk il-partijiet ma jfissirx li joħloq stat ta' fatt fil-konfront tal-PAC jew tal-Parlament. Għalhekk m'għandix għalfejn nerġa' nirrepeti dak kollu li diġà għedt, ngħid biss li l-Oppożizzjoni ttenni t-talba tagħha kif ġie spjegat ftit tal-ħin ilu."

Is-Sedja ħadet nota ta' dak li qed jintalab f'dan ir-*ruling* liema talba tista' tinqasam fi tnejn u ċjoè:

1) jekk il-fatt li bħalissa hemm digriet tal-Qorti li jgħid li dan id-dokument għandu jinżamm fis-Sigrieta inaqqasx mid-dritt li għandu Kumitat tal-Kamra li xorta jitlob li tali dokument jiġi ppreżentat; u

2) jekk il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandux hu bħala Kumitat Permanenti tal-Kamra, id-dritt li jitlob għall-kuntratt imsemmi.

Is-Sedja tibda billi tgħid li llum stess, 19 ta' Mejju 2014, tard filgħodu, is-Sedja rċeviet ittra mgħoddija b'mod personali mill-Onorevoli Tonio Fenech, Chairman tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ittra li magħha kellha anness dokument tal-Qorti, liema ittra taqra hekk:

> "Sur President,
>
> Niktiblek fil-kapaċità tiegħi ta' President tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi b'referenza għas-seduta ta' dan il-Kumitat ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2014.
>
> Kif is-Sedja ċertament taf, fil-bidu ta' din is-seduta kien hemm dibattitu intens bejn iż-żewġ naħat dwar it-talba tal-Oppożizzjoni biex il-Kumitat jinvestiga l-kuntratt li l-Gvern iffirma mal-kumpanija privata Henley & Partners.
>
> Qed niktiblek din l-ittra b'urġenza in vista tar-*ruling* li jien tlabtek tagħti wara l-oġġezzjoni tal-Gvern fis-seduta msemmija li l-kuntratt ikun esebit u jkun għad-dispożizzjoni tal-Kumitat.
>
> Il-pern tal-oġġezzjoni tal-Onor. Ministru Owen Bonnici fis-seduta kien maqsum fuq żewġ raġunijiet: (a) li l-Gvern kien esebixxa l-kuntratt fl-atti ta' kawża li hemm pendenti quddiem il-Qorti; u (b) li nħareġ digriet mill-Qorti fil-kawża msemmija biex il-kuntratt bejn il-Gvern u Henley & Partners ma jkunx ippubblikat. Skont il-Ministru

Bonnici, dan il-Parlament ma jistax jinjora d-digriet tal-Qorti - tant li l-Ministru Bonnici fis-seduta tal-Kumitat qal: "irridu nbaxxu rasna għad-digriet tal-Qorti".

L-Oppożizzjoni għamlet il-verifiki tagħha u ninsab f'pożizzjoni li ninfurmak li (a) mhux veru li l-Gvern esebixxa l-kuntratt li l-Gvern iffirma ma' Henley & Partners fil-Qorti; u (b) mhux veru li hemm xi digriet tal-Qorti li rabat lill-Gvern biex ma jippubblikax tali kuntratt.

Kif qed tara mit-traskrizzjoni annessa tax-xhieda fil-kawża msemmija (paġna 2 tax-xhieda tas-Segretarju Permanenti Mahoney tas-6 ta' Frar 2014), dak li fil-fatt il-Gvern esebixxa kien il-*confidentiality agreement* u mhux il-kuntratt. M'hemmx għalfejn nenfasizza d-differenza bażika u kardinali bejn kuntratt u *confidentiality agreement:* filwaqt li dan tal- aħħar hu dokument li jirtira kulmin ikun se jagħmel offerta wara ħlas amministrattiv (f'dan il-każ, ta' €125), il-kuntratt hu l-kuntratt finali li effettivament ġie ffirmat bejn il-Gvern u Henley & Partners wara l-għeluq tal-proċess tas-sejħa pubblika u li minnu Henley & Partners se tagħmel qligħ ta' mijiet ta' miljuni ta' ewro.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, u għan-nom tal-Oppożizzjoni, nistieden lis-Sedja tieħu konjizzjoni ta' dan l-iżvilupp bla preċedent u kruċjali u tiżgura li ħidmet il-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi ma jiġix ostakolat b'tagħwiġ ta' fatti u fatti li m'għandhomx mis-sewwa intiżi biex jingannaw lill-membri ta' dan il-Kumitat u l-Parlament.

Iffirmat: Tonio Fenech

Chairman Kumitat Permanenti tal-Kontijiet Pubbliċi"

Filwaqt li s-Sedja, kif sejra tgħid aktar 'il quddiem f'dan ir-*ruling* mhux importanti dwar jekk hemmx jew le digriet li jista' jinsab fil-proċess tal-kawża rikors numru 1038/2013 JRM fl-ismijiet Dr Tanya Sciberras Camilleri noe vs Onorevoli Dr Emanuel Mallia et, is-Sedja tħoss li għandha tiġbed l-attenzjoni tal-Membri ta' dan il-Kumitat għall-korrettezza u ċ-ċarezza tal-fatti biex b'hekk il-Kumitat, f'dan il-każ il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ma jkun qatt b'xi mod ostakolat fix-xogħol tiegħu u biex allura wkoll ma jinħeliex ħin.

Is-Sedja se tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-ewwel talba u tirreferi għall- prinċipju kardinali li dwaru m'hemm l-ebda kontestazzjoni, jiġifieri li l-Parlament huwa suprem. Il-Parlament m'għandux u ma jistax jogħqod jistenna xi eżitu tal-Qorti biex jikkonsidra materja li huwa jħoss li tkun fl-interess pubbliku li jiddiskuti.

Dan huwa kif stabbilit mill-istess Ordnijiet Permanenti li jagħtu s-setgħa lill-istess Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex jagħmel l-iskrutinju finanzjarju fl-interess nazzjonali.

Fuq dan il-punt tas-supremazija u s-sovranità tal-Parlament kif ukoll dwar dan id-dritt kostituzzjonali, is-Sedja rat u kkonsultat diversi ġuristi bħal Alder fil-pubblikazzjoni tal-2009 *Constitutional and Administrative Law*; Bradley *Sovereignty of Parliament – In Perpetuity?*; Dicey fil-pubblikazzjoni tal-2010 *The Law of Constitution*; kif ukoll Wade and Bradley fil-pubblikazzjoni tal-1985 *Constitutional and Administrative Law* (10th ed).

Minn hawn joħroġ b'mod ċar u nikkwota:

> "*On the supremacy of parliament/parliamentary sovereignty, parliamentary supremacy is a term used to describe a situation where the legislature has absolute power over the laws of the land. Unless the parliament itself approves laws that bind to the same function of parliamentary sovereignty Parliament can make law concerning anything.*
>
> *Parliament supremacy means that a legislative body is supreme to all other government institutions, including any executive or judicial bodies. The courts cannot overrule its legislative.*"

Fuq dan il-punt joħroġ prinċipju fundamentali ieħor kif jiddeskrivih aħjar l-istess Dicey fil-pubblikazzjoni *Doctrine of Parliamentary Supremacy*.

> "*It is a fundamental principle in a true democracy that the courts have no authority to judge statutes invalid, and that there are no fundamental constitutional laws that parliament cannot change, other than the doctrine of parliament sovereignty itself.*"

Is-Sedja tinnota li fil-każ in eżami ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mill- Qorti jew xi forma ta' digriet jew verbal li ġie indirizzat lill-istess Parlament biex dan ikun jista' jiġi meħud in konsiderazzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex jista' jkun hemm każ fejn il-Qorti b'sentenza jew anke b'digriet li tkun tat tkun qed tagħmel referenza jew komunikazzjoni mal-parlament kif ġara riċentement fi Frar 2014 fil-parlament tal-Uganda. Hemmhekk l-iSpeaker tal-Kamra Rebecca Kadaga kellha komunikazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali dwar deċiżjoni tal-istess Qorti li permezz tagħha erba' Membri Parlamentari tilfu s-siġġu tagħhom fil-parlament. Dan kien każ partikolari u ċertament li hawnhekk m'għandniex din is-sitwazzjoni fil-każ in eżami.

Għaldaqstant fir-rigward tal-ewwel parti tar-*ruling* mitlub is-Sedja hija tal-fehma li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi mhuwiex suġġett li jistenna xi digriet tal-Qorti jew xi eżitu ta' xi kawża sabiex huwa jkun jista' jeżamina materja li huwa jidhirlu li tkun fl-interess nazzjonali.

Il-prinċipju huwa ċar: Il-Parlament huwa l-ogħla Istituzzjoni tal-Pajjiż u mhuwiex suġġett għall-ebda proċedura li tkun għaddejja f'xi qorti, speċjalment f'kawża ċivili ordinarja, bħal ma huwa l-każ in eżami kif ċitat, li tkun qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Prim'Awla.

Għalhekk is-Sedja tħoss li ladarba fir-rigward tal-kwestjoni tal-fatt li hemm kawża fil-Prim Awla tal-Qorti, hemm jew m'hemmx digriet dwar dan il-każ, ma tirriżulta l-ebda komunikazzjoni mill-istess Qorti fil-konfront tal-Parlament, is-Sedja m'għandhiex għalfejn

tidħol iktar fuq dan il-punt u tista' tibqa' miexja biex tirrelata dwar it-tieni punt u ċjoè dwar min għandu d-dritt li jitlob lill-Gvern biex jippreżenta l-istess kuntratt imsemmi.

It-tieni parti tat-talba għar-*ruling* tittratta dwar jekk il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandux, bħala kumitat tal-Kamra, id-dritt li jitlob li l-Gvern jippreżenta kuntratt, liema kuntratt huwa s-suġġett ta' materja mqajma mill-istess Onorevoli Jason Azzopardi fl-ittra mibgħuta minnu għan-nom tal-Oppożizzjoni.

Is-Sedja hija tal-fehma li l-materja għandha implikazzjonijiet finanzjarji u allura hija materja li għandha tiġi kkonsidrata mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Is-Sedja tinnota wkoll li kif tajjeb irrimarka l-Onorevoli Carmelo Abela, il-Gvern m'għandu l-ebda problema li din il-materja tiġi diskussa f'dan il-Kumitat wara li l-istess Kumitat ikun eżawrixxa l-*items* pendenti li għandu fuq l-aġenda tiegħu.

Is-Sedja rat ukoll il-proċedura parlamentari li dejjem ġiet osservata f'dik li hija setgħa ta' kumitat tal-Kamra biex isejjaħ quddiemu xhieda u jordna li jinġiebu quddiemu dokumenti. F'dan ir-rigward tinnota li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa regolat bl-Ordni Permanenti 132 li jgħid hekk:

> "Kull kumitat permanenti u kull kumitat magħżul ikollu s-setgħa li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti u rapporti quddiemu, f'dak il-ħin u post li jista' jiġi indikat fil-mandat relattiv f'dak il-post u ħin li s-seduta tal-kumitat tista' tkun aġġornata għalihom. Ix-xhieda jistgħu jkunu ordnati biex jattendu permezz ta' mandat maħruġ mill-president tal-kumitat relattiv u li jiġi ffirmat mill-iskrivan; kull ġurament meħud jew dikjarazzjoni magħmula minn xi xhud jistgħu jiġu amministrati mill-president jew mill-iskrivan li jkun hemm f'dak il-kumitat."

Dan ifisser li huwa l-Kumitat innifsu li jrid jiddeċiedi jekk għandux jinġieb quddiemu d-dokument imsemmi, *ossia* l-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern u Henley & Partners.

Sabiex il-Kumitat jieħu dik il-pożizzjoni, irid ikun hemm deċiżjoni tal-Kumitat, liema deċiżjoni mbagħad tkun torbot lill-Kumitat kollu.

Skont l-istess Ordni Permanenti 132 huwa l-Kumitat li għandu din is-setgħa u allura mhuwiex biżżejjed li jkun hemm talba minn xi Membru ta' Kumitat biex jinġieb xhud jew dokument quddiem l-istess Kumitat.

Din is-setgħa li l-Kamra tagħti lill-kumitati tagħha taħt l-Ordni Permanenti 132 hija wkoll riflessa fil-proċedura tal-House of Commons Ingliż u hawn is-Sedja tagħmel referenza għal Erskine May (24th ed) paġna 133, fejn jitkellem dwar *Returns,* jiġifieri meta għandhom jiġu mpoġġija ċertu dokumenti:

> *"Each House has the power to call for the production of papers by means of a motion for a return. ...*
>
> *The power to call for papers was frequently exercised until about the middle of the nineteenth century. It is rarely resorted to in modern circumstances since much of the*

*information previously sought in this way is now produced in Command Papers or in Act Papers, or in response to questions. However, the power has a continuing importance since it is regularly delegated to select committees, thus enabling them to send for papers and records."*

Minn din il-kwotazzjoni joħroġ ċar, kif joħroġ ċar ukoll mill-Ordni Permanenti 132, li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq poter li ġie delegat mill-Kamra lil Kumitat biex dan ikollu s-setgħa li jordna li jinġiebu dokumenti u rapporti quddiemu.

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tirrimarka li jekk dokument jiġix prodott jew le taqa' fir-responsabbiltà tal-Ministru u hawnhekk qiegħda ssir referenza għat-tweġibiet mogħti mill-Ministru Emanuel Mallia għall-Mistoqsijiet Parlamentari numri 7535 u 7879 li sarulu mill-Kap tal-Oppożizzjoni dwar il-produzzjoni tal-kuntratt ta' bejn il-Gvern u Henley & Partners. Id-deċiżjoni dwar jekk dan il-kuntratt jitpoġġiex jew le fuq il-Mejda tal-Kamra kienet tal-Eżekuttiv u responsabbiltà tal-Gvern u kien għalhekk li fit-tweġiba tiegħu l-Ministru qal li l-kumplament tal-kuntratt huwa ta' natura kunfidenzjali.

Dan huwa wkoll *in linea* mal-proċedura użata fil-House of Commons. Fil-fatt f'paġna 447 tal-Erskine May (24th ed) fejn jitkellem dwar *Responsibility for the laying of documents* insibu dan li ġej:

> *"It is the responsibility of the Government and not of the Chair to see that documents which may be relevant to debates are laid before the House and are available to Members and that it is done in a timely manner. It is not for the Chair to decide what documents are relevant. Only when the Speaker himself has control of a document can he be involved in making it available to the House or a committee."*

Dan ifisser li l-iSpeaker fil-każ tal-Kamra u ċ-Chairperson fil-każ ta' kumitat ma jkollux il-poter, ladarba dak id-dokument ma jkunx taħt il-kontroll tiegħu għaliex qatt ma jkun ġie f'idejh, li jordna biex dak id-dokument jiġi ppreżentat, li jiġi mogħti għall-iskrutinju pubbliku, għall-iskrutinju parlamentari.

Is-Sedja tinnota li skont il-proċeduri parlamentari u anke skont *rulings* preċedenti, senjatament dak tas-27 ta' Mejju 1970, dak tas-7 ta' Settembru 1971 u tat-13 ta' Ottubru 1971, l-obbligu li dokument jiġi esibit joħroġ meta Membru jkun ikkwota minn tali dokument sakemm dan

> "ma jkunx ta' natura kunfidenzjali, kif iddikjara l-Ministru, jew li jista' jkun ta' preġudizzju għall-interess pubbliku jekk ippubblikat."

Minkejja dan jibqa' l-fatt li l-Kumitat, li f'dan il-każ huwa l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi, għandu dak il-poter speċjali li joħroġ mill-interpretazzjoni tal-Ordni Permanenti 132.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li, irrispettivament mill-fatt li hemm kawża pendenti dwar dan il-kuntratt quddiem il-Prim Awla kif diġà ċitat f'dan ir-*ruling*, il-Kumitat dwar il-

Kontijiet Pubbliċi xorta għandu l-poter li jiddeċiedi hu jekk għandux jiġi prodott dak il-kuntratt jew le.

Dan dejjem taħt is-salvagwardji li wieħed għandu jagħmel b'ċertu kawtela, speċjalment meta l-Gvern stess iddikjara li hemm ukoll raġunijiet ta' natura kunfidenzjali għalfejn huwa s'issa ħa pożizzjoni li ma jippreżentahx.

Fil-każ li l-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jiddeċiedi li l-kuntratt għandu jiġi ppreżentat quddiemu, iċ-Chairperson għandu jassigura li jittieħdu l-kawteli kollha meħtieġa biex jiġu salvagwardati kemm l-interess tal-ġustizzja, stante l-kawża pendenti, kemm l-interess tal-iskrutinju pubbliku kif ukoll jara li jiġu mħarsa dawk iċ-ċirkostanzi partikolari li jirrigwardaw is-sigurtà tal-pajjiż, is-segretezza kummerċjali u ċirkostanzi oħra. Dan huwa *in linea* wkoll mal-proċedura stabbilita fil-House of Commons fis-snin riċenti kif joħroġ minn Erskine May f'paġna 446:

> "*On 16 February 2006, the Speaker ruled that, although a document was highly commercially confidential, a copy of the document should be placed in the Library with any sensitive material removed. This practice has been followed on subsequent occasions.*"

Ovvjament anke f'każ ta' problemi dwar kif għandhom isiru dawn il-kawteli u l-modi tal-applikazzjoni tagħhom, iċ-Chairperson dejjem jista' jitlob gwida mill-istess Sedja biex hija tkun tista' ttih direzzjoni ċara dwar dawk is-salvagwardji u kawteli neċessarji biex dan ikun jista' jsir. B'hekk il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkun jista' jibqa' għaddej fuq l-operat tiegħu dwar l-istħarriġ tal-istess ittra mibgħuta mill-Onorevoli Jason Azzopardi f'April ta' din is-sena.